MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru 13/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Andre` Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 13 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Andre` Falzon [detentur tal-karta tal-identita` numru 401286(M)] li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati li kien se jsir xi *deal* ta' droga ġewwa l-Imsida, fil-viċinanzi tal-Junior College fejn kien se tkun involuta persuna magħrufa bħala d-'Diesel'. Fuq din l-informazzjoni, il-pulizija marru fejn il-Junior College, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija, (18.30 hrs), sabiex josservaw dak li kien qed jiġri. Fuq il-post huma nnotaw persuna tavviċina

persuna oħra u fortunatament, il-pulizija laħqu intervjenew f'dan id-*deal* b'mod illi ma setax jiġi kompjut.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija, in fatti, irriżulta illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u fl-erba' snin ta' qabel, l-akkużat Andre`Falzon, magħruf bħala d-'Diesel' iddeċieda li jibda jmexxi u jittraffika fid-droga *Ecstasy*.

Għal dan l-għan, l-akkużat Andre` Falzon ftiehem ma' ħabib tiegħu, ċerta Bjorn Formosa, sabiex flimkien jittraffikaw id-droga *Ecstasy*. Il-ftehim milħuq preċedentement kien li l-akkużat kellu jiltaqa' ma Bjorn Formosa, fl-inħawi tal-Junior College, l-Imsida sabiex l-akkużat jbiegħ, jittraffika, jforni jew jipprokura d-droga Ecstasy lill-istess Bjorn Formosa, bl-intendiment li l-istess droga kellha tiġi traffikata lil terzi.

Fortunatament l-akkużat inqabad mill-pulizija dakinhar tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) waqt illi Bjorn Formosa kien qiegħed jipparteċipa f'konsejna ikkontrollata ai termini tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'għemilu l-imsemmi Andre` Falzon sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqmsu Magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Andre` Falzon ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibeigħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqmsu Magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni. Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena

ta’ prġunerija għal għomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A (1)(f) (1A) (2)(a)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x’Jaqmsu Magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll fl-Artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fl-artikoli 17, 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess ċirkostanzi li seħħew fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta’ filgħaxija, (18.30 hrs), u ċioe’ kif imsemmija fl-ewwel Kap ta’ dan l-Att tal-Akkuża, l-imsemmi Andre` Falzon in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta’ bejnu u bejn Bjorn Formosa volontarjament u xjentement ltaqa’ ma Bjorn Formosa ġewwa d-distanza ta’ mitt (100) metru mill-iskola Ġan Franġisk Abela Junior College, fl-Imsida, bil-għan li jbiegħ, jittraffika, jforni jew jipprokura d-droga u ċioe’ madwar tlett mija sitta u erbgħin (346) pillola Ecstasy, liema droga ġġib l-ammont ta’ ċirka €4,031 (Lm 1,730.51), lill-istess Bjorn Formosa għal skopijiet ta’ lukru.

IIlli fortunatamnet, il-pulizija laħqu ntervjenew kmieni f’dan il-ftehim u permezz ta’ konsenja kkontrollata ai termini ta’ l-Artikolu 121Ċ tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta’ Malta waqqfu lill-imsemmi Andre` Falzon milli jirnexxi fil-bejgħ, traffikar, forniment jew milli jipprokura d-droga Ecstasy għal skopijiet ta’ Lukru.

L-imsemmija pilloli Ecstasy, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija *designer drug* magħrufa bħala (MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-

imsemmi Andre` Falzon ma kellu l-ebda permess jew awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi sabiex ikollu fil-pussess tiegħu jew sabiex iqassam jew ibiegħ l-imsemmija pilloli u sustanza.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Andre` Falzon sar ħati talli b'diversi atti, magħmula fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, biegħ jew offra li jbiegħ, ittraffika jew offra li jittraffika l-medicina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika, b'dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Andre` Falzon ħati talli b'diversi atti, magħmula fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda biegħ jew offra li jbiegħ, ittraffika jew offra li jittraffika l-medicina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika, b'dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed

minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500), u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli jew immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A 120A(1)(f) (1B) (2)(a)(i) (2A) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fl-Avvizi Legali 22/85 [regolament 10(2)], 70/88 u 183/99, kif ukoll fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17, 18, 20, 22, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess ċirkostanzi li seħħew fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta’ filgħaxija, (18.30 hrs), u ċioe’ kif imsemmija fil-Kapi ta’ Akkuża preċedenti, l-imsemmi Andre` Falzon, waqt li kien qiegħed jaħrab mill-pulizija hekk kif dawn marru fuqu sabiex iwaqqfuħ milli jittraffika fid-droga Ecstasy, rema’ borza tal-plastik ma’ l-art kontenti madwar tlett mija sitta u erbgħin (346) pillola Ecstasy, liema droga ġġib l-ammont ta’ ċirka €4,031 (Lm 1,730.51), liema borża ġiet fortunatament miġbura mill-pulizija hekk kif kienu qegħdin jiġru warajħ sabiex iwaqqfuħ. Din id-droga kienet intiża sabiex tiġ mibjugħa u ttraffikata u liema ammont juri illi d-droga ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi d-droga mormija mill-imsemmi Andre` Falzon kienet qegħda fil-pussess tiegħu waqt illi kien ġewwa d-distanza ta’ mitt (100) metru mill-iskola Ġan Franġisk Abela Junior College, fl-Imsida u ċioe fil-mument illi ltaqa’ ma l-imsemmi Bjorn Formosa sabiex jgħaddihielu għal finijiet ta’ lukru reċiproku.

L-imsemmija pilloli Ecstasy, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija *designer drug* magħrufa bħala (MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom

x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-imsemmi Andre' Falzon ma kellu l-ebda permess jew awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi sabiex ikollu fil-pussess tiegħu jew sabiex iqassam jew ibiegħ l-imsemmija pilloli u sustanza.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Andre` Falzon sar ħati talli, b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegħ, uża, jew kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħaħagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Andre` Falzon ħati talli, b'diversi atti, fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegħ, uża, jew kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħaħagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Talab illi jingħamel

skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għall-għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),(2),(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviż Legali 22 ta' l-1985), l-Avvizi legali 77 ta' l-1988 u 183 ta' l-1999 fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17, 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata ħhall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi mill-investigazzjonijiet magħmula b'rabta maċ-ċirkostanzi msemmija fil-Kapi ta' Akkuża preċendenti, u ċioe dak li seħħ fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija, (18.30 hrs), l-imsemmi Andre` Falzon volontarjament irrilaxxa stqarrija fl-24 ta' Ottubru 2005 fejn ammetta illi fis-snin preċedenti, u ċioe' bejn l-2001, meta l-imputat kellu madwar 15-il sena, u l-2003 u ċioe' madwar sena u nofs mid-data ta' l-istqarrija rilaxxata, huwa kien jabbuża mid-droga herojina f'Malta.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'għemilu l-imsemmi Andre` Falzon sar ħati talli, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu jew ittanta li jkun fil-pussess tad-droga herojina imsemmija fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruga mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV u t-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Andre` Falzon ħati talli, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu jew ittanta li jkun fil-pussess tad-droga herojina imsemmija fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruga mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV u t-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija. Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin euro-ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin euro-ċenteżmu

(€23,293.73) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-regoli 8 u 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta’ l-1939, u fl-artikoli 17, 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi l-għada tat-tnejn u għoxrin (22) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), u ċioe’ fit-tlieta u (23) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), għall-ħabta tal-ħdax ta’ filgħodu (11.00 am) il-pulizija għamlu tfittxija ġewwa r-residenza ta’ l-imsemmi Andre` Falzon u ċioe fl-appartament internament immarkat numru 2, fil-fond ’Beach Comber’, Triq il-Qawra San Pawl il-Baħar, b’rabta maċ-ċirkostanzi msemmija fil-Kapi ta’ Akkuża preċedenti. Minn tfittxija li saret fil-kamra tas-sodda ta’ l-imsemmi Andre` Falzon, u li għaliha kien preżenti hu wkoll, il-pulizija elevat xi karti tal-flus u meta ġie mistoqsi dwarhom, l-imsemmi Andre` Falzon stqarr mal-pulizija illi dawn il-flus kien tahomlu xi ħadd u tefagħhom hemm. Waqt din it-tfittxija, hu ma nnegax li dawk il-flus kienu tiegħu. Il-karti tal-flus elevati minn din it-tfittxija kienu żewġ (2) karti taż-żewġ Liri Maltin (Lm 2.00) u żewġ karti tal-ħames Liri Matin (Lm 5.00), b’valur totali ta’ erbatax-il Liri Maltin (Lm 14.00). Mill-investigazzjonijiet ulterjuri irriżulta illi dawn il-karti tal-flus huma indubjament foloz u l-istess Andre` Falzon kien ben konxju ta’ dan.

Illi b’għemilu, l-imsemmi Andre` Falzon sar ħati talli mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew jew raġonevoli xtara jew rċieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Andre` Falzon ħati talli talli mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew jew raġonevoli xtara jew rċieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li

jkun jaf li l-istess ikun falsifikat. Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija ta' għal żmien ta' mhux anqas minn tlettax-il xahar u mhux iżjed minn ħames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 46 tal-Att Dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, (Kap. 204 tal-Liġijiet ta' Malta) u fl-artikoli 17, 18, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata ħhall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fl-istess ċirkostanzi li seħħew fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija, (18.30 hrs), fl-Imsida, u ċioe' kif imsemmija fl-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Kapi ta' Akkuża, hekk kif membri mill-korp tal-Pulizija waqfu ftit metri 'l bogħod mill-imsemmi Andre` Falzon, fil-ħin illi hu kien qiegħed javviċina terza persuna, u qalulu "pulizija", l-imsemmi Andre` Falzon uża vjolenza u rreżista l-arrest tiegħu minn persuni inkarigati minn servizz pubbliku billi imbotta membru jew membri mill-korp tal-Pulizija u telaq bil-ġiri minn fuq il-post bil-għan li jaħrab mill-istess membri tal-korp tal-Pulizija

Illi b'għemilu, l-imsemmi Andre` Falzon sar ħati talli attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Andre` Falzon ħati talli attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorità kompetenti. Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi ikkundannat għall-piena ta' priġunerija minn minn erba' xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 95 u 96(a) u 533 tal-

Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata ħhall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fl-istess ċirkostanzi li seħħew fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija, (18.30 hrs), fl-Imsida, u ċioe' kif imsemmija fl-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet, r-Raba' u s-Sitt Kapi ta' Akkuża, waqt illi Andre` Falzon uża vjolenza u rreżista l-arrest tiegħu minn persuni inkarigati minn servizz pubbliku, hu tajjar u kisser in-nuċċali ta' PC 1348 J. Campbell.

Illi dan in-nuċċali kien jiswa bejn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Illi b'għemilu, l-imsemmi Andre` Falzon sar ħati talli volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma kienx jiskorri l- elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) imma kien iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Andre` Falzon ħati talli volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma kienx jiskorri l- elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) imma kien iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47). Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi ikkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 325(1)(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata ħhall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Il-Qorti rat l-eccezzjonijiet ta' l-akkuzat fejn ecepixxa illi l-prosekuzzjoni sejset il-kaz taghha kontra l-akkuzat, fuq konsenja kkontrollata, ai termini ta' l-Artikolu 30(B) tal-

Kap. 101, fejn certu Bjorn Formosa pprezenta ruhu fejn il-Junior College, hekk kif kien imqabbad jaghmel mill-Pulizija, sabiex jakkwista d-droga ecstasy minghand l-akkuzat. Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi din kienet konsenja kkontrollata, u dan mix-xhieda ta' numru ta' Pulizija li kienu fuq il-post, u senjatament mix-xhieda ta' l-Ispettur Pierre Grech, illi fid-depozizzjoni tieghu, spjega illi din kienet konsenja kkontrollata ai termini tal-Kap. 101.

Jirrizulta illi din l-istess konsenja ma ssegwiex id-dettami tal-ligi, senjatament l-artikolu precitat u dan peress illi din l-istess konsenja ma saritx bil-kunsens ta' Magistrat jew ta' l-Avukat Generali, u dan peress illi ebda kunsens f'dan is-sens ma gie ezebit fil-process.

30B (1) Minkejja kull haga li tinsab f'kull ligi ohra, l-Pulizija Esekuttiva, u fejn ikun il-kaz, l-Awtoritajiet tad-Dwana, jistghu, bil-kunsens ta' l-Avukat Generali jew ta' Magistrat, ihallu li ssir konsenja kontrollata.
(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfiasser it-teknika li biha konsenja illecita jew suspettata ta' medicina perikoluza (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjeta` jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1c)(a) tithalla tohrog minn Malta, tghaddi minn Malta jew tidhol Malta, jew tithalla tghaddi minn post jew minghand persuna f'Malta ghal post iehor jew persuna ohra f'Malta .....

Fin-nuqqas tal-kunsens ta' Avukat Generali jew Magistrat, jirrizulta illi din kienet biss dak li komunament jissejjah bhala "entrapment", kif spjegat minn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, per Prim Imhallef De Gaetano, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Ronald Psaila", deciza fit-tmienja (8) ta' Jannar, tas-sena elfejn u tnejn 2002, u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Eugenio sive Genio Gaffarena", deciza mill-Qorti Kriminali dsatax (19) ta' Jannar, tas-sena elf, disa mija, sitta u disghin (1996) fejn il-Qorti spjegat sew x'jammonta ghal kuncett ta' "entrepment", konsegwentement, din il-konsenja hija mulla u minghajr effett ai termini u effetti kollha tal-ligi peress illi hija llegali.

Illi x-xhieda guramentata ta' Bjorn Formosa, ezebita a fol. 142 tal-process rrilaxxata minnu quddiem il-Magistrat Inkwerenti, hija inammissibli wkoll in vista tal-fatt illi tledi d-drittijiet fundamentali ta' l-istess Bafumi, dan peress illi waqt illi kienet qed ttihiedlu din l-istqarrija huwa la kien assistit mill-Konsulent Legali tieghu, u lanqas ma kellu access ghall-istess.  Dan qed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u senjatament b'referenza ghall-kaz fl-ismijiet Salduz vs Turkey, fejn il-Qorti Ewropeja kkristalizzat il-principju illi d-dritt sancit illi persuna tkun assista mill-konsulent legali taghha, ghandha tinghata interpretazzjoni wiesgha, tant li tinkludi d-dritt illi persuna tkun hekk assistita sa mill-bidu tal-proceduri, inkluz waqt il-kors ta' l-investigazzjoni mill-Pulizija.  Konsegwentement, la darba din l-istqarrija ttiehdet illegalment, ma taghmel l-ebda stat ta' fatt fil-konfront ta' l-akkuzat u ghalhekk hija inammissibbli.

Rat il-verbal tad-29 ta' Jannar, 2010 ( fol 18), fejn it-tieni eccezzjoni giet irtirata.

Ikkunsidrat.

L-akkuzat qieghed jecepixxi illi l-prosekuzzjoni sejset il-kaz taghha kontra tieghu fuq konsenja kkontrollata ai termini ta' l-Artiklu 30(B) tal-Kap 101 fejn certa Bjorn Formosa pprezenta ruhu fejn il-Junior Collage hekk kif kien imqabbad jaghmel mill-pulizija sabiex jakkwista d-droga ecstasy minn ghand l-akkuzat.  Dan ta' l-ahhar qieghed jilmenta illi din il-konsenja ma saritx bil-kunsens ta' l-Avukat Generali jew il-Magistrat u ma hemm xejn fl-atti x;jindika illi dan il-kunsens inghata, ghalhekk din il-konsenja hija nulla u minghajr effett ai termini u effetti kollha tal-Ligi peress illi kienet illegali.

Ikkunsidrat.

L-Artiklu fuq imsemmi 30(B) (1) tal-Kap 101 jghid "Minkejja kull haga li tinsab f'kull Ligi ohra, l-Pulizija Esekuttiva, u fejn ikun il-kaz, l-Awtoritajiet tad-Dwana, jistghu bil-kunsens ta' l-Avukat Generali jew ta' Magsitrat

ihallu li ssir konsenja kontrollata.”  Minn ezami akkurat ta’ dan l-Artiklu mkien ma jirrizulta illi dan il-kunsens bilfors irid isir bil-miktub, dan jaghmel hafna sens il ghaliex fil-prattika mhux dejjem ikun hemm zmien bizzejjed sabiex dan il-kunsens hekk jinghata.  Fil-fatt fil-maggoranza tal-kazijiet jirrizulta, minhabba n-nuqqas ta’ hin disponibli ghall-pulizija u sabiex jorganizzaw din il-konsenja kontrollata,  jinfurmaw lill-Magistrat propju ftit mumenti qabel ma ssir il-konsenja, l-Magistrat jaghti l-kunsens tieghu verbalment imbaghad aktar tard jiffirma d-dokumenti ghat-tali konsenja.  Dawn id-dokumenti mhumiex necessarji ghall-validita tal-konsenja, l-importanti illi jkun hemm prova illi l-Magistrat ikun gie nfurmat u ta l-kunsens tieghu.  din il-prova tista ssir b’diversi modi jew b’dokumenti jew inkella bix-xhieda guramentata ta’ l-Ispettur li jkun ottjena tali permess. F’dan il-kaz irrizulta illi din il-konsenja kkontrollata saret fil-konfront ta’ certa Bjorn Formosa u mhux l-akkuzat u tali kunsens ingieb mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera. Bhal fatt il-kontroll qatt ma sar ghax l-akkuzat induna u harab mill-post u nqabad wara.  Id-droga telaqha fuq il-post u ma kienx hemm kuntatt bejn l-akkuzat u Formosa u ghalhekk il-konsenja kontrollata qatt ma saret.  Il-kunsens inghata fit-22 ta’ Ottubru, 2005 fil-konfront ta’ Bjorn Formosa li allegatament xtara d-droga minn ghand l-akkuzat.  Il-Qorti tirrileva illi anke kieku l-konsenja kontrollata kellha xi difett procedurali dana ma jgibx in-nullita ta’ l-Atti ‘l ghaliex ma hemm xejn hazin fl-Att ta’ l-akkuza u lanqas fil-mod kif tmexxiet il-kumpilazzjoni, izda tkun biss prova illi l-validita taghha tkun trid tigi dibattuta bhal kull prova ohra li l-prosekuzzjoni jew id-difiza jidhrilha illi ghandha tiddibatti, naturalment fl-assenza tal-gurati. F’dan l-istadju pero’ salv ix-xhieda ta’ l-Ispettur ma jidher illi hemm xejn hazin f’din il-konsejna kontrollata u tista tingieb bhala prova fil-kumpless ta’ provi ohra illi ghandhom il-prosekuzzoni.

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad din l-eccezzjoni u stante illi ma hemmx eccezzjonijiet ohra x’tikkonsidra tiddeferixxi l-kawza *sine die* sabiex tistenna l-ezitu taghha biex tigi appuntat guri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------